MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 394/2010

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fl-4 ta' April 2008 hija kkuntrattat zwieg civili mal-konvenut assenti; li l-kunsens matrimonjali tal-attrici inkiseb u kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c], [d] u fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19 [1] tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg *de quo* jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta fuq il-meritu jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-4 ta’ April 2008 huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Min-naha tieghu l-konvenut assenti ma prezentax risposta fuq il-meritu.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontraddetti s-segwenti fatti.

Illi fl-4 ta’ April 2008 l-attrici, cittadina Maltija, li allura kellha 28 sena zzewwget lill-konvenut, cittadin tal-Congo ta’ 34 sena, wara li kienu ilhom johorgu flimkien madwar sentejn. Minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal.

L-attrici tghid li kellhom gherusija normali izda l-konvenut totalment inbidel wara z-zwieg, fis-sens li r-relazzjoni ta’ bejneithom kienet dejjem bi glied u l-konvenut kien biss mohhu biex imur jghix barra minn Malta. Il-partijiet marru *honeymoon* fi Brussell fejn hija rritornat lura wahedha peress li l-konvenut ried jibqa’ hemm. Wara li eventwalment irritorna lura mill-Belgju l-konvenut reggha telaq barra l-gzejjer Maltin fl-2009 u l-attrici ma tafx fejn jinstab. L-attrici ssostni li damu flimkien madwar xaharejn biss.

Inoltre, l-attrici tiddeskrivi t-tbatijiet u hruxija li l-konvenut ghadda minnha f'art pajjizu fejn kien gie kkundanat ghall-mewt fl-assenza tieghu, tghid li dan effetwah u li sahhansitra temmen li kellu problemi psikologici minhabba anke l-fatt li sabet pilloli li kien jiehu ghall-problemi mentali.

Il-partijiet kellhom relazzjonijiet intimi darba wahda biss wara z-zwieg u dan minhabba l-fatt li l-konvenut ma kienx ikun irid ikun intimu ma' martu l-attrici.  L-istess attrici rat kambjament anke f'dan ir-rigward meta fl-gherusija dina ma kienetx problema peress li l-partijiet kellhom relazzjonijiet sesswali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta manifestament li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut eskluda b'att pozittiv tal-volonta' tieghu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Il-provi juru li l-konvenut izzewweg lill-attrici <u>unikament</u> ghall-iskopijiet tieghu u mhux biex jghix il-hajja mizzewga, tant li huwa baqa' l-Belgju minghajr martu u meta rritona rega' telaq barra minn Malta minghajr martu l-attrici li anqas biss taf fejn tista' ssibu minkejja li ppruvat taghmel kuntatt mieghu.

Ghaldaqstant, fil-fehema ta' din il-Qorti, f'dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] tal-artikolu 19[1] tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fl-4 ta' April 2008.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------